**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TLIETA, 14 TA’ ĠUNJU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 23**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandha tidħol din is-sentenza fil-paragrafu 4.5 "Għandhom jiġu nfurmati r-residenti meta jkun ser isiru linji tal-parking bays biex ikunu nfurmati ma jħallux il-karozzi hemm"

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Stefan Bonello Ghio ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Il-Kumitat ġie nfurmat li intbagħtet il-PO għat-tabella tal-Un/loading ta' Triq Birkirkara.

2.2 Kien hemm qbil li tintalab għal-laqgħa mas-CEO ta' TM, is-Sur Piscopo, biex jiġu diskussi affarjiet pendenti fil-Kappara bħal Triq il-Ġojjin, "Il-periklu" fi Triq il-Malvizz, l-ispeed indicator fi Triq tas-Sliema u oħrajn.

2.3 Ġie innutat li z-zebra crossing fi Triq Birkirkara għandha d-dawl maqtugħ minn mal-istreet lighting. Għandha ssir query mal-Enemalta fuq din.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Għandu jsir patching fi Triq il-Barbaġann.

3.2 Kien hemm qbil li jsiru żewġ magni tal-outside gym fil-Ġnien G M Camilleri.

3.3 Il-Kumitat iħossu urtat li l-Kunsill naqas milli jikkonsulta mal-Kumitat rigward l-attivitajiet ta' Jum San Ġwann u Mertu San Ġwann. Għandha tintbagħat kjarifika lis-Sindku rigward dan.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward ostruzzjoni minn creeper fuq il-bankina ta' Triq il-Gardell. Għandhom jittieħdu l-miżuri biex dan l-ostaklu ma jibqax.

4.2 Kien hemm qbil li jiġu re-constructed iż-żewġ soft areas fi Triq Birkirkara. Għandha tinġabar kwotazzjoni mill-kuntrattur tal-Kunsill għal dawn ix-xogħlijiet.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**